



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10092/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0157 (NLE)

ENFOPOL 333
CT 106
RELEX 775
JAI 859
NZ 6

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' data personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea,
minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' *data* personali
bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)
u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti għall-ġlieda
kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 88, flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi li huwa possibbli li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (l-Europol) tittrasferixxi *data* personali lil awtorità ta' pajjiż terz, fost l-oħrajn, abbażi ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprovdi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/...²⁺, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' *data* personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'*data* aktar tard.

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/... ta' ... dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' *data* personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu (ĠU L [...], [...], p. [...]).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST ST 9954/22, u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota' ta' qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 9269/22.

- (3) Il-Ftehim huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea, peress li għandu l-għan li jippermetti t-trasferiment ta' *data* personali bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti ta' New Zealand, bil-ħsieb tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu u l-protezzjoni tas-sigurtà tal-Unjoni u l-abitanti tagħha.
- (4) Il-Ftehim jiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust rikonoxxuti fl-Artikoli 7, 8 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea¹, rispettivament.
- (5) Il-Ftehim ma jaffettwax, u huwa mingħajr preġudizzju għat-trasferiment ta' *data* personali jew forom oħra ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet responsabbli għas-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali.
- (6) Skont l-Artikolu 218(7) tat-TFUE, huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova f'isem l-Unjoni l-modifiki tal-Annessi II, III u IV tal-Ftehim.

¹ ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

- (7) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2016/794 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (8) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ta l-Opinjoni tiegħu 11/2022 fl-10 ta' Ġunju 2022.
- (10) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u New Zealand, min-naħa l-oħra, dwar l-iskambju ta' *data* personali bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-awtoritajiet ta' New Zealand kompetenti għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu¹⁺ (il-“Ftehim”) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 27 tal-Ftehim.²

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikolu 28(2) tal-Ftehim, il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni dwar il-modifiki tal-Annessi II, III u IV tal-Ftehim għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
